# Kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri - Ungerija

L-Artikolu 67 (a)

L-Artikolu 67 (b)

L-Artikolu 67 (c)

L-Artikoli 21 u 29

L-Artikolu 33

L-Artikolu 34

**L-Artikolu 67 (a)**

L-ismijiet, l-indirizzi u l-mezzi ta’ komunikazzjoni għall-awtoritajiet ċentrali maħtura skont l-Artikolu 53 jistgħu jinstabu permezz tal-għodda għat-tiftix fuq nett tal-paġna.

**L-Artikolu 67 (b)**

Il-lingwi aċċettati għall-komunikazzjonijiet lill-awtoritajiet ċentrali skont l-Artikolu 57(2) huma l-Ungeriż, l-Ingliż, il-Ġermaniż u l-Franċiż.

**L-Artikolu 67 (c)**

Il-lingwi aċċettati għaċ-ċertifikazzjoni li tikkonċerna d-drittijiet ta’ aċċess u r-ritorn tal-minuri skont l-Artikolu 45(2) huma l-Ungeriż, l-Ingliż, il-Ġermaniż u l-Franċiż.

**L-Artikoli 21 u 29**

Ir-rikorsi msemmija fl-Artikoli 21 u 29 jistgħu jiġu ppreżentati lill-qrati segwenti:

– fl-Ungerija, il-qorti Distrettwali li topera fis-sede tal-qorti Reġjonali kompetenti (*törvényszék székhelyén működő járásbíróság*) u, f’ Budapest, il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta’ Buda (*Budai Központi Kerületi Bíróság*).

**L-Artikolu 33**

L-appelli msemmija fl-Artikolu 33 jistgħu jitressqu fil-qrati segwenti:

– fl-Ungerija, il-qrati Reġjonali (*törvényszék*) u, f’Budapest, il-Qorti Reġjonali ta’ Budapest-Kapitali (*Fővárosi Törvényszék*).

**L-Artikolu 34**

Is-sentenza li tingħata fl-appell skont l-Artikolu 34 tista’ tiġi kkontestata biss permezz ta’:

– fl-Ungerija: talba għal ritrattazzjoni (*felülvizsgálati kérelem*).

Din il-paġna web hija parti minn L-Ewropa Tiegħek.

Nilqgħu l-feedback tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

This webpage is part of an EU quality network

**Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.**

L-aħħar aġġornament: 14/12/2020